# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ta' Sannat

## TMIEN LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 74

L-Erbgħa 15 ta' Novembru 2017

Il-Kunsilli Lokali Ta' Sannat ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Triq Sannat, Ta' Sannat, fis-1.40 ta' wara nofsinhar.

PREŻENTI:

Philip Vella – Sindku
Frances Galea – Viċi Sindku
Joseph Bajada – Kunsillier
Maria Cassar Sultana – Kunsilliera
Margaret Said – Kunsilliera
Marie Georgette Spiteri – Ambaxxatriċi għaż-żgħażagħ

ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):

ASSENTI:

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Jason Curmi – Segretarju Eżekuttiv

# AĠENDA NRU. 74

74 .1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji;
74.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti preċedenti Nru 73 – 8;
74.3 Komunikazzjoni mis-Sindku;
74.4 Komunikazzjoni mis-Segretarju Eżekuttiv;
74.5 Ħatra ta' Uffiċjal Eżekuttiv;
74.6 Ħatra ta' Deputat Segretarju Eżekuttiv;
74.7 Urban Green Project – 2018;
74.8 Skema ta' Restawr ta' Postijiet Storiċi;
74.9 Is-Siġra tal-Awrikarja – Pjazza Santa Margerita;
74.10 Triq ġdida fi Triq Saguna;
74.11 Triq il-Kalati;
74.12 Wied Mġarr ix-Xini Pumping Station – Il-Permess;
74.13 Ilmenti u Suġġerimenti;
74.14 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti 10/2017;
74.15 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

## Minuti

Is-Sindku Philip Vella ippresjeda l-laqgħa wara li ntqalet it-talba tal-bidu.

## 74.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

74.1.1 Ma kienx hemm ittri ta' apoloġija għal din il-laqgħa Nru. 74 – 8.

## 74.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

74.2.1 Il-Kunsill għadda mill-ewwel għal Minuti tal-laqgħat preċendenti Nru. 73 – 8 li kienu tqassmu minn qabel u għalhekk ittieħdu bħala moqrija. Fuq dawn ma kienx hemm emendi u b'hekk dawn il-Minuti ġew approvati unanimament mill-Kunsill u ġew iffirmati mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv.

## 74.3 Komunikazzjoni mis-Sindku

74.3.1 Is-Sindku nforma lill-Kunsill li hu reġa kiteb lill-Ministru u l-Perit Cordina tal-Ministeru għal Għawdex dwar Triq Sannat. Hu qal li se jitlob laqgħa apposta mas-Segretarju Permanenti u l-Assistent Direttur tal-Ministeru għal Għawdex biex din it-triq tiġi nkluża fl-2018 fil-pjan tal-Ministeru.

74.3.2 Is-Sindku qal li l-ġimgħa l-oħra xxandar il-programm televiżiv Xift fuq TVM2 dwar Ta' Sannat.

74.3.3 Is-Sindku qal li l-laqgħa tas-Sindki u l-Viċi Sindku li jmiss u li għalija ġew mistiedna wkoll s-Sergertarji Eżekuttivi ser issir Għawdex fil-Grand Hotel, Mġarr nhar il-Ġimgħa 15 u s-Sibt 16 ta' Diċembru 2017. Is-Sindku u l-Viċi Sindku ser jattendu għal din il-laqgħa.

74.3.4 Is-Sindku qal li l-attivita' ta' Jum Dinji tat-Tfal ser issir nhar il-Ħadd li ġej 19 ta' Novembru 2017 bejn is-1.30 p.m. u l-5.00 p.m fil-Pjazza Santa Margerita dejjem jekk it-temp jippermetti f'każ tal-maltemp l-Kunsill ħaseb biex din l-attivita' ssir l-Ħadd ta' wara 26 ta' Novembru 2017 fl-istess ħin u post. Din l-attivita' ser tkun tikkonsisti f'logħob divertenti għat-tfal Bouncing Caslte, Bungee Run, Go-Karts, Mega Slide, Face Painting, ZipLine mill-ERRC, Experiments by ESPLORA u oħrajn. Għal din l-attivita' l-Kunsill ħaseb għal PA system u s-sotto-kumitat ser jistieden xi kantanti lokali biex jallegraw lil dawk preżenti. Din l-attivita' ser issir b'risq The Marigold Foundation u lit-tfal ser jitqasmulhom frott u ilma. Is-Sindku qal li saru l-flyers li dawn tqassmu lit-tfal fl-iskejjel primarji kollha f'Għawdex u li nhar is-Sibt minn fejn id-Duke Shopping Complex u l-Arkadia se jilbsu l-karattri ta' Micky u Minnie Mouse fejn se jkomplu jqassmu dawn il-flyers għal din l-attivita', biex din tkun waħda ta' suċċess. Is-Sindku rringrazzja lis-sotto-kumitat tax-xogħol u l-preparamenti li qed isiru.

74.3.5 Is-Sindku qal li Uffiċjali mill-uffiċċju tal-President ta' Malta talbu laqgħa mas-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv fejn qalulna li l-Eċċellenza Tagħha l-President ta' Malta, bħal dawn l-aħħar snin ser tagħmel żjara ta' kortesija fl-irħula kollha ta' Għawdex fl-okkażjoni tal-Istrina 2018. Din ser issir nhar is-Sibt 9 ta' Diċembru 2017 bejn il-11.20 a.m. sal-11.50 a.m., fil-Pjazza Santa Margerita. Il-Kunsill qabel biex bħal dawn l-aħħar snin jistampa envelopes apposta biex jinġabru fondi mingħand ir-residenti fejn dawn jiġu miġbura f'kaxxi apposta fil-Knisja u fl-uffiċċju tal-Kunsill.

74.3.6 Is-Sindku qal li l-kors li ser jsir mill-Kunsill flimkien ma' l-Għaqda Drammatika Sannat fil-Pediatric First Aid, il-lezzjonijiet ser isiru kull nhar ta' Sibt fit-18 u fil-25 ta' Novembru u fit-2 u fid-9 ta' Diċembru 2017 bejn l-4.00p.m. u 7.00 p.m. L-applikazzjonijiet huma miftuħin għal pubbliku u jgħalqu nhar il-Ġimgħa 17 ta' Novembru 2017. Dan il-kors ser isir fis-sala tal-Kunsill.

74.3.7 Is-Sindku qal li l-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali u d-Dipartiment għall-Gvern Lokali stiedenu lil żewġ Kunsillieri u lis-Segretarju Eżekuttiv għal Commonwealth Local Government Conference bejn l-21 u l-24 ta' Novembru 2017. Mill-Kunsill tagħna ser jattendu s-Sindku u l-Kunsilliera Cassar Sultana.

74.3.8 Is-Sindku nforma lill-Kunsill li ser issir sessjoni nformattiva dwar is-Sit Elettroniku ta' l-Awtorita ta' l-Ippjanar. Hu talab li din is-sessjoni ssir f'Għawdex. Hu offra s-sala tal-Kunsill f'każ li ssir f'Għawdex. Din it-talba ġiet milqugħa u ser issir nhar l-Erbgħa 6 ta' Diċembru 2017 fit-3.00 p.m. fis-sala tal-Kunsill Lokali.

74.3.9 Is-Sindku qal li hu kiteb u talab laqgħa mal-Onor. Silvio Parnis, Segretarju Parlamentari għall-Kunsilli Lokali u Komunitajiet dwar diversi materji.

74.3.10 Is-Sindku semma l-attivitajiet marbuta maż-żminijiet tal-Milied u s-Sena l-Ġdida fejn il-Kunsill qabel ma dawn l-attivitajiet fejn ħafna minnhom għadhom qed jiġu diskussi wkoll mas-sotto-kumitat. Dawn huma:
nhar l-Erbgħa 13 ta' Diċembru (festa pubblika) ser issir ħarġa għal kulħadd f'Malta,
nhar it-Tlieta 26 ta' Diċembru ser isir il-party għat-tfal fis-sala tal-iskola primarja,
nhar il-Ġimgħa 29 ta' Diċembru ser issir ħarġa għaż-żgħażagħ u
nhar il-Ġimgħa 5 ta' Jannar 2018 ser isir festive treat għal għaqdiet u kumitati volontarji li hawn fil-lokalita' Ta' Sannat bħal rikkonoxximent tax-xogħolijiet li jwettqu matul is-sena kollha.

*Fis-2.05 p.m. ingħaqdet għal din il-laqgħa l-Ambaxxatriċi għaż-Żgħażagħ u fis-2.08 p.m. daħlet ukoll il-Kunsilliera Cassar Sultana.*

## 74.4 Komunikazzjoni mis-Segretarju Eżekuttiv

74.4.1 Is-Segretarju Eżekuttiv nforma lill-Kunsill li l-bilanċ tal-Urban Improvement Fund (Awtorita' tal-Ippjanar) issa huwa ta' €49,327.74c. Minn dan il-fond il-Kunsill ser japplika biex issir Triq il-Kalati wara li toħroġ l-offerta u tintgħażel l-aħjar waħda.

74.4.2 Is-Segretarju Eżekuttiv nforma lill-Kunsill li rċieva multa ta' €250 mingħand l-Awtorita għas-Saħħa u s-Sigurta' fuq il-post tax-xogħol, dan wara li saret spezzjoni fis-16 ta' Marzu 2017 fejn qalu li l-Kunsill naqas mill jgħamel jew jiżgura li ssir evalwazzjoni xierqa, suffiċenti u sistematika tal-perikli għas-saħħa u s-sigurta kollha fuq il-post tax-xogħol. Is-Segretarju Eżekuttiv qal li l-Kunsill għadu qed jgħamel ir-risk assesment fuq dan il-bini. Apparti dan peress li ma kienx il-Kunsill Lokali Ta' Sannat biss li ntalab jħallas din il-multa, u kien hawn Kunsilli Lokali oħra, l-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali talbet biex il-Kunsill għalissa ma jħallas xejn peress li ser issir laqgħa apposta mall-OHSA fis-17 ta' Novembru 2017 dwar dan.

74.4.3 Is-Segretarju Eżekuttiv nforma lill-Kunsill, li l-Kunsill Lokali Għajnsielem bgħat imejl fejn wera x-xewqa li din is-sena bħas-sena l-oħra introduċew l-kunċett ta' *be an actor for a day* għal kull min jixtieq li jipparteċipa f' Bethlem f'Għajnsielem. Is-Segretaju Eżekuttiv qal li hu nforma lill-Għaqda Drammatika Sannat dwar dan u l-Għaqda qalet li ser tikkomunika hi mall-Kunsill Lokali Għajnsielem.

74.4.4 Is-Segretarju Eżekuttiv qal li s-Segretarjat Parlamentari għall-Gvern Lokali u Komunitajiet taw bidu għall-kampanja bit-titlu "Sejħet is-Siġar" biex tqajjem kuxjenza fost it-tfal dwar l-importanza li għandhom is-siġar. Dan l-għan kien maħsub li jilħaq dawk it-tfal li għandhom bejn it-8 u l-10 snin biex dawk interessati jiġu l-Kunsill u jingħataw ktieb mill-awtur Trevor Zahra u siġra biex jeħduha d-dar bil-għan li jibdew jieħdu ħsiebha u jgħarfu l-importanza tagħha. Minn Ta' Sannat tfal applikaw disa' u l-Kunsill talab għal kotba u s-siġar lis-Segretarjat.

74.4.5 Is-Segretarju Eżekuttiv nforma lill-Kunsill li ser jattendi għal seminar ta' informazzjoni u taħriġ dwar Europe for Citizens Programme 2014 -2020 għada l-Ħamis 16 ta' Novembru 2017.

74.4.6 Is-Segretarju Eżekuttiv nforma lill-Kunsill li s-Sur Angelo Bonello tkellem mall-Kap tal-iskola primarja Ta' Sannat fejn spjega s-session li jxtieq li jgħamel mat-tfal u l-ġenituri biex jibdew l-klassijiet tal-fitness. Is-Sindku qal li dawn is-session għandhom jibdew isiru mis-sena d-dieħla.

74.4.7 Is-Segretarju Eżekuttiv qal lill-Kunsill li rċieva ittra mingħand il-Kuntrattur Andre' Saliba li kien jissuplixxi l-open skip kull nhar ta' sibt faċċata tal-grawnd tal-futbol fejn qed jinforma lill-Kunsill li hu se jkollu jittermina l-kuntratt. Il-Kunsill qabel li dan is-servizz għandu jibqa jingħata mingħand il-kuntrattur sakemm il-Kunsill joħroġ sejħa apposta.

74.4.8 Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta fuq il-mejda tal-Kunsill 2 disinni provduti minn Micho Lighting għal Triq Sannat biex tiġi mżejna b'dawl dekorattiv f'dawn iż-żminijiet ta' festi li ġejjin. Il-Kunsill għażel Disinn Nru 1. u talab biex Triq Sannat tkun mixgħulha minn nhar il-Ġimgħa 8 ta' Diċembru. Il-Kunsilliera Cassar Sultana ssuġġeriet li għal dawn iż-żmienijiet tal-festi jinxtaraw dwal dekorattivi biex tinxtgħel il-faċċata tal-binja tal-Kunsill Lokali. Għal dan is-suġġeriment kien hemm qbil unanimu.

74.4.9 Is-Segretarju Eżekuttiv ġibed l-attenzjoni li l-kuntratti bi kwotazzjonijiet tas-servizz tal-cleaner tal-uffiċċju u dik tal-Avukat ser jgħalqu fl-1 ta' Frar 2018.

74.4.10 Is-Segretarju Eżekuttiv fakkar lill-Kunsill biċ-Ċirkularijiet mibgħuta mid-DLG u li dawn ġew iċċirkulati lill-Kunsillieri permezz tal-imejl.

Ċirkularijiet:

| | |
|---|---|
| Nru. 31/2017 | Proċedura stabbilita għal meta jinbidel is-Segretarju Eżekuttiv ta' Kunsill Lokali |
| Nru. 32/2017 | Kjarifika dwar Permessi maħruga mill-Kunsilli Lokali skont L.S. 441.04 |
| Nru. 33/2017 | L-Att dwar ix-Xandir (Kap 350) |

## 74.5 Ħatra ta' Uffiċjal Eżekuttiv

74.5.1 Is-Segretarju Eżekuttiv nforma lill-Kunsill li wara li talab l-għajnuna tar-Riżorzi Umani fi ħdan id-Dipartiment għall-Gvern Lokali ta' dak li jrid isir biex l-Kunsill ikun jista jaħtar Uffiċjal Eżekuttiv, s-Segretarju Eżekuttiv qal li ħareġ is-sejħa nterna u l-iskrivana applikat għal din il-vakanza. Hu ppreżenta fuq il-mejda tal-Kunsill l-ittra u c-cv tagħha fejn jidher li l-

iskrivana hija eleġibli għal post. Il-Kunsill qabel li jaħtar lis-Sinjura Mercieca għal dan il-post mill-1 ta' Diċembru 2017.

## 74.6 Ħatra ta' Deputat Segretarju Eżekuttiv

74.6.1 Is-Segretarju Eżekuttiv nforma lill-Kunsill li d-Deputat Segretarju Eżekuttiv, is-Sinjura Formosa kitbet lill-Kunsill fejn infurmat u kkupjat lid-DLG li hi mhux ser tkun tista taqdi dmirijieta bejn l-1 ta' Jannar sal-aħħar ta' Ġunju 2018 u dan ukoll peress li l-kariga tagħha ta' 90 ġurnata daqt tiskadi. Il-Kunsill qal li ser avviċina lis-Sur Ivan Attard mill-lista fil-pool tas-Segretarji Eżekuttivi prospettivi u li hu diġa Segretarju Eżekuttiv fil-Kunsill Lokali ix-Xagħra għal din il-kariga. Jekk is-Sur Attard jaċċetta l-Kunsill lest li jaħtar lilu.

## 74.7 Urban Green Project

74.7.1 Is-Sindku nforma lill-Kunsill li l-lokalita' tagħna ġiet magħżula mill-PARKS Directorate fi ħdan il-Ministeru għall-Ambejnt, Żvilupp Sostenibbli u Tibdil fil-Klima għal Urban Green Project għas-sena 2018. Is-Sindku qal li hu flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv diġa kellhom laqgħa ta' ntroduzzjoni dwar dan il-proġett. Hu qal li l-Kunsill ser jibbenefika l-ammont ta' €30,000 li jridu jintefqu matul is-sena d-dieħla biex isebbaħ u jħaddar il-lokalita'. Għalhekk il-Kunsill irid jibda jaħdem minn issa. Il-Kunsill diġa talab laqgħa ma dan id-Direttorat biex jara x'hemm bżonn li jsir u x'siġar u arbuxelli li jistgħu jitħawlu fit-toroq urbani qabel jiġi ffirmat il-kuntratt. Il-Kunsill qed jaħseb biex minn din l-iskema jsebbaħ bis-siġar u l-arbuxxeli fi Triq 28 ta' April 1688, madwar l-monument ta' Vinċenzo Caruana Spiteri, Pjazzetta tax-Xelina, Triq Marsilja u Triq Tal-Gruwa fuq il-parti ta' fejn hemm il-blat.

## 74.8 Skema ta' Restawr ta' Postijiet Storiċi

74.8.1 Is-Sindku qal li l-Kunsill ġie nfurmat permezz ta' imejl mill-Eko Għawdex fi ħdan il-Ministeru għal Għawdex li ġiet mnedija skema ta' Restawr ta' Postijiet Storiċi fil-lokalitajiet għal Kunsilli Lokali Għawdxin. L-għajuna massima hi dik ta' €10,000 u li tikkonsisti f'rata ta' kofinanzjament ta' 90% mill-Ministeru għal Għawdex u l-10% mill-Kunsill Lokali. Il-Kunsill ser japplika biex jiġu rrestawrati l-monument ta' Mro. Vincenzo Caruana Spiteri u l-funtana fi Triq l-Isqof Davide Cocco Palmeri.

## **74.9** Is-Siġra tal-Awrikarja – Pjazza Santa Margerita

74.9.1 Is-Sindku nforma lill-Kunsill li wara diversi nterventi u korrispondenza li ntbgħatet mill-Kunsill, wara li ra diversi sinjali mis-siġra tal-Awrikarja fi Pjazza Santa Margerita, nhar l-Erbgħa li għadda, fuq il-post attendew uffiċjali mill-MGOZ, MELP u mill-ELC fejn fosthom ġie diskuss li din is-siġra tinsab bil-għatx. Il-Kunsill nforma lil Uffiċjali li meta jasal iż-żmien u l-Kunsill ikollu l-fondi neċessarji din il-pjazza se tiġi rrangata u rinovata peress li huma talbu li ssir konka apposta għal din is-siġra biex tkun tista tissaqqa. Għalhekk sa dan it-tant huma ser jitolbu kwotazzjoni mingħand l-ELC biex isiru 7 toqbiet fl-art bl-għotien f'fond ta 2 metri u b'wisa ta' 30 cm li jkunu jistgħu jinfetħu u jingħalqu biex din tissaqqa minnhom. Fejn ser isiru dawn it-toqob l-art ġiet mmarkata b'żebgħa apposta u l-Kunsill diġa ħa l-inkarigu biex jinforma lill-entitajiet li jista jkollhom xi servizzi għaddejin minn taħt l-art fejn ġie mmarkat. L-ELC ġew mitluba jgħatu kwotazzjoni dwar dan ix-xogħol lill-MELP mill-aktar fis. Il-Kunsill talab ukoll li s-siġra titnaddaf u tinżabar fejn hu niexef u fejn tqaċċtu z-zkuk jinqata z-zokk kif meħtieġ. B'hekk l-MELP ser tiddiskuti mal-Ministeru għal Għawdex meta tingħata l-kwotazzjoni peress li din is-siġra taqa' direttament taħt ir-responsabilta tal-Gvern Ċentrali. Huma talbu lil ELC biex din is-siġra tissaqqa minn dawn it-toqob li se jsiru apposta kull

ġimgħa. Il-Kunsill qed jgħamel l-almu tiegħu biex issalva lil din is-siġra u tibqa ħajja.

## 74.10 Triq ġdida fi Triq Saguna

74.10.1 Is-Sindku qal li talab lill-Perit biex jieħu l-livelli ta' triq il-ġdida fi Triq Saguna biex dawn jgħaddu għand l-Awtorita' tal-Ippjanar biex b'hekk il-Ministeru għal Għawdex jkun jista tgħamel din it-triq, dan peress li r-residenti qed jilmentaw minħabba l-istat li fih tinsab din it-triq.

## 74.11 Triq il-Kalati

74.11.1 Is-Sindku qal li d-dokumenti biex toħroġ l-offerta biex Triq il-Kalati tingħata wiċċ ġdid b' sistema ta' konkos monolitiku bid-disinn waslet biex toħroġ u li bħalissa tinsab f'idejn il-Monitoiring Section fi ħdan id-DLG qabel tiġi ppublikata fil-Gazzetta tal-Gvern. Malli tiġi ffinalizzata toħroġ l-offerta bis-sistema tal-EPPs.

## 74.12 Wied Mġarr ix-Xini Pumping Station – Il-Permess

74.12.1 Is-Sindku qal li l-permessi neċċessarji mill-Planning Authority biex tiġi restawrata l-binja storika tal-pompa tal-ilma fil-wied ta' Mġarr ix-Xini ħareġ nhar it-8 ta' Novembru 2017 u ser jiġi ppublikat fit-22 ta' Novembru 2017. Is-Sindku qal li dan il-permess huwa validu għal ħames snin. Il-Kunsill se jkompli jgħamel minn kollox biex jikseb il-fondi biex dan il-bini storiku jiġi kkonservat.

## 74.13 Ilmenti u Suġġerimenti

74.13.1 Is-Sur Franco Azzopardi li joqgħod Orchidea fi Triq Paranji qed jitlob li titneħħa l-bozza provizorjament li hemm mad-dar tiegħu peress li ser jagħmel xi xogħol ta kostruzzjoni. Is-Segretarju Eżekuttiv qal li l-uffiċċju diġa għamlu t-talba biex din titwaħħal ma arblu fil-qrib.

74.13.2 Is-Sinjura Marilyn Grima li toqgħod fi Triq Qortina qed tilmenta li hemm ħajt tas-sejjieħ fi stat perikoluż u li qed jaqgħa ħafna ġebel minnhu. Il-ħaddiema assenjati mall-Kunsill diġa għamlu l-intervent tagħhom fuq dan il-ħajt.

74.13.3 Is-Sur Corey Formosa mill-Ministeru ghall Għawdex ġibed l-attenzjoni li fi Ġnien tal-Bidwi hemm diversi interpretational panels imqatta'. Il-Kunsill qabel li dawn jerġgħu jsiru.

74.13.4 Is-Sinjura Rodienne Xerri mill-Ministeru ghall Għawdex gibdet l-attenzjoni li hemm leakage tad-drenaġġ/ilma Ta' Ċenċ. Is-Segretarju Eżekuttiv qal li hu wieġeb li din hi art tal-privat.

74.13.5 Is-Sinjuri Morrison qed jilmentaw minħabba l-parking fil-bajja ta' Mġarr ix-Xini. Is-Sindku qal li hu ltaqa magħhom u spjegalhom li din il-bajja tinsab fis-sit u ta' Natura 2000.

74.13.6 Il-ħaddiema assenjati mal-Kunsill ġibdu l-attenzjoni li fil-Ġnien tal-Bidwi sabu 10 fanali imkissra. Dawn ġew irrangati minnhom stess.

74.13.7 Is-Sur Anthony Galea ta' Triq ix-Xabbata qed jitlob biex quddiem ir-remissa f'din it-triq isiru double yellow lines. Il-Kunsill qabel ma din it-talba.

74.13.8 Il-Ħaddiema assenjati mall-Kunsill qalu li xi turisti qed jistaqsu minn fejn wieħed jista jgħaddi għaċ-Ċnus għalhekk hemm bżonn li ssir tabella fejn tindika dan fejn il-picnic area fi

Triq id-Daħla taċ-Ċnus.

74.13.9 Is-Sindku ssuġġerixxa biex isiru l-bnadar tal-Kunsill bil-qies bħal dawk li diġa għandu ta' Malta, l-Unjoni Ewropeja u tal-Italja. Il-Kunsill qabel ma dan.

74.13.10 Is-Sindku qal li s-Sinjorina Rosina Tabone qed terġa titlob biex tiġi rranġata l-bankina ta' quddiem il-ħanut tagħha. Il-Kunsill għandu jirranġa din il-bankina.

74.13.11 Is-Sindku qal li għandha tintalab stima għal xogħol ta' major patching li hemm bżonn li jsir fi Triq Saguna u li jsir patching ta' ħofra fi Triq it-Tempju tal-Imramma.

## 74.14 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti

74.10.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq fuq il-mejda tal-Kunsill l-iskeda ta' pagamenti Nru. 11/2017 biex dawn il-kontijiet ikunu approvati mill-Kunsill. L-iskeda kif ippreżentata ġiet moqrija w aċċettata mill-Kunsill. Kopja ta' din l-iskeda qed tinhemeż ma dawn il-minuti tal-laqgħa.

## 74.15 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

74.15.1 Il-laqgħa ntemmet fit-3.20 p.m. u ġiet aġġornata għal nhar l-Erbgħa 20 ta' Diċembru 2017, fis-1.30 p.m.

Konfermati, illum 20 ta' Diċembru 2017.

| | |
|---|---|
| **(iffirmata)** | **(iffirmata)** |
| Philip Vella<br>Sindku | Jason Curmi<br>Segretarju Eżekuttiv |